MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 2435/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Michael Delia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Dicembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ithallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm653.68) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mob*isle* Communications Limited skond Client Contract Numbrer 37928 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Dicembru 2002 u Marzu 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-26 ta’ Settembru 2003, u bl-imghax sad-data tal-pagamet effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm653.68) bl-imghax pagabbli mid-datatal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effetttiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta’ Settembru 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------